MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 778/2001/1

**Etienne Bonello DuPuis bhala prokuratur ta' l-assenti Nutar Dr. George Bonello DuPuis**

**vs**

**Alfred Grixti**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Prevja dikjarazzjoni li l-artikolu “Preserving the myth on violence” ippubblikat f’pagna 9 u 10 ta’ “The Times” tas-16 t’Awissu tas-sena 2001 (Dok. A), li tieghu l-konvenut hu l-awtur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f’ammont li ma jeccedix LM5,000 bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Kap. 248;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-12 ta’ Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-eccepjent jixtieq li jigi ammess biex jipprova l-veracita` tal-fatti li fuqhom huwa bbazat dan il-libell;

2. Illi f’kull kaz l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz u malafamanti billi jikkostitwixxi “fair comment”;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-noti esebiti mill-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-qorti ghaddiet biex tikkonduci din il-vertenza sommarjament ai termini ta’ l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u l-artikoli 47, 171 u 215 tal-Kap 12;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara li fil-gazzetta “The Times” tas-16 t’Awissu tas-sena 2001 gie ppubblikat l-artiklu tal-konvenut intitolat lateralment fuq ix-xellug “Preserving the status quo” u centralment b’aktar prominenza “Preserving the myth on violence”, in-Nutar Dottor George Bonello DuPuis hassu ngurjat u malafamat billi gie lilhu hemm attribwit kliem li l-istess nutar isostni li ma qalux;

2. Illi senjatament l-istess nutar hassu ngurjat bis-segwenti silta:

“In contrast, as early as three weeks before the September 5 election, Nationalist supporters were practically given the green light to go on a violent vandalising binge after their party won”;

3. Illi di piu`, l-istess nutar jafferma wkoll li hassu tassew ingurjat billi hu gie impingi bhala l-artefici ta’ l-istess awtorizazzjoni partiggjana billi l-artikolista inkriminat fl-istess artiklu jkompli:

“…Indeed, during a Nationalist Party mass meeting on August 16, 1998, former Nationalist minister Dr. George Bonello DuPuis, who was addressing the PN supporters as a guest speaker, told the PN supporters that they should keep their enthusiasm until September 5 and that, after that, they would burn everything”;

4. Illi permezz ta’ l-affidavit guramentat tieghu datat il-21 ta’ Mejju tas-sena 2002 l-istess nutar jichad kategorikament li qatt qal dan id-diskors lilhu attribwit – la fl-okkazzjoni riferita mill-artikolist inkriminat u lanqas fi kwalunkwe okkazzjoni ohra tul il-karriera politika twila tieghu;

5. Illi di piu`, l-istess nutar allegatament ingurjat isostni li mhux biss dejjem ikkundanna l-vjolenza izda kien effettivament vittma taghha anke fil-Parlament;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini ta’ l-artikolu 12 (1) tal-Kap. 248 il-konvenut wara li assuma responsabbilita` ghall-artiklu in dizamina uzufruwixxa ruhu mill-eccezzjoni lilhu koncessa ex lege li jipprova l-verita’ tal-fatti minnhu attribwiti;

Illi stranament jirrizulta li l-konvenut ipprova jaghmel dan bis-segwenti metodi:

a. Illi fuq “clip” radiofoniku li kien jigi trasmess frekwentament u regolarment fi programm ta’ kollega tal-konvenut , in-nutar de quo kien jinstema jghid “…inzommu l-entuzjazmu u imbaghad, u imbaghad wara naharqu kollox…” (ara fol 10);

b. Illi in oltre, l-istess konvenut jirrizulta li vverifika dak minnhu asserit fl-artiklu inkriminat tieghu ma materjal viziv jew video irrekordjat mehud mill-arkivji ta’ “One News” ta’ “Super One Television” wara li l-istess video kien gie mghoddi lill-istess stazzjon minn xi hadd mhux maghruf;

c. Illi l-istess kliem attribwit lin-nutar in dizamina hu riprodott f’pagna 5 tal-volum intitolat “Gvern Ta’ l-Ingann – Tajjeb li Tkun Taf” ta’ Emmanuel Cuschieri ippubblikat fis-sena 2000 mid-Dipartiment tat-Taghrif, Partit Laburista;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti thossha ferm preokkupata mill-atitudini adottata mill-konvenut stante li l-verifika li l-ligi tirrikjedi biex wiehed ikun jista’ jivvanta l-eccezzjoni tal-verita’ tal-fatti b’success hi ferm differenti u ovvjament aktar rigoruza minn dik li jirrizulta mehuda fl-atti u hawn sintetikament riprodotta;

Illi kif jaf kull persuna li b’xi mod tibda t-triq iebsa tar-rigorozita’ gurnalistika dan il-kamp jirrikjedi li s-sors li wiehed irid jistrieh fuqu biex isostni l-fatti li fuqhom jista’ sussegwentement jibni l-edifizzju tal-argument tieghu irid ikun wiehed kemm verifikabbli kif ukoll oggettivament riskontrabbli stante li l-ghan ewlieni ghandu jkun ir-ricerka

u l-esposizzjoni tal-verita` mhux l-esposizzjoni tal-verita` kif irid jew jaqbillu li jindirizza xi artikolist;

Illi jirrizulta ovvju mis-suespost li s-sorsi li fuqhom strah l-artikolist konvenut mhux biss huma karenti mill-oggettivita' intellettwali rikjesta izda jirrizultaw ukoll intellettwalment inkwinati stante li jirrizultaw li huma biss affermazzjoni ripetuta ta' hsieb li origina internament fic-cirku li abitwalment jghix fih l-artikolist konvenut u li jirrizulta li jalimenta lilu nnifsu;

Ikkonsidrat:

Illi f'dan l-istadju hu rilevanti wkoll il-fatt li din il-qorti ezaminat il-videos lilha pprezentati fl-atti ta' din il-procedura mill-partijiet kontrapposti u ghandu wkoll jigi sottolineat li ghamlet dan fil-prezenza tal-partijiet involuti;

Illi jirrizulta manifestament assodat illi l-video li fuqu strah l-artikolist konvenut ma jirrizultax li hu wiehed integru stante li dan il-video jirrizulta li hu wiehed li jinkludi biss dik il-parti tad-diskors li n-nutar de quo kien ghamel f'meeting pre-elettorali partikulari u li giet preventivament censurata minn injoti biex issostni dak allegat mill-artikolist konvenut fl-artiklu tieghu nkriminat;

Illi pero' jirrizulta ukoll, u dan ma gie kontradett b'ebda mod mill-konvenut meta assista ghall-irrekordjar tal-video esebit fl-atti mill-attur nomine jew sussegwentement, li d-diskors tan-nutar kien ferm itwal fil-parti inkriminata mertu ta' din il-procedura fejn in-nutar imsemmi jidher jitkellem ghall-ferm aktar milli jidher fil-video tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

Illi limitatament ghall-vertenza in dizamina ghandu jinghad li effettivament il-versjonijiet fil-videos ipprezentati lill-qorti huma s-segwenti:

| Dik tal-Konvenut | Dik ta' l-Attur nomine |
|---|---|
| … bl-entuzjazmu li | Niehu gost bl-entuzjazmu li |

| | |
|---|---|
| ghandkhom, bl-entuzjazmu li nara, imma l-entuzjazmu rridu nzommuh sal-5 ta' Settembru u imbaghad wara, imbaghad wara, imbaghad wara imbaghad naghmlu … wara naharqu kollox. | ghandkhom bl-entuzjazmu li nara. Il-vista tieghi mhix tajba u ma nistghax nara sat-tarf, a hemm isfel ma nafx sa fejn jaslu imma l-entuzjazmu rridu nzommuh sal-5 ta' Settembru u imbaghad wara, mbaghad wara, imbaghad wara, nghamlu, imbaghad wara naharqu kollox li ghandna. |

Illi d-differenza bejn iz-zewg versjonijiet hi cara, univoka u ma timmeritax dilungar inutili;

Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-kelliemi attakkat mill-artikolist konvenut ghalkemm jirrizulta li effettivament qal il-kliem lilhu minnhu attribwiti pero` jirrizulta wkoll li kompla jitkellem u l-eskluzjoni tal-parti hekk censurata biddlet kompletament it-tifsira tad-diskors meritu ta' din il-procedura;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-verita' tal-fatti sollevata mill-konvenut mhix sostenibbili;

Ikkonsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandu jinghad li in vista tas-suespost la l-attribuzzjoni ta' incitament tal-massa ghall-vjolenza, molto piu` f'atmosfera elettoralment ikkargata – allegazzjoni intrinsikament serjissima - ma tirrizultax ipprovata, allura l-artikolu in dizamina hu minnu nnifsu libelluz u malafamanti fil-konfront tan-nutar de quo u bl-ebda mod ma jista qatt jikkostitwixxi "fair comment" skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur nomine pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara dik il-parti tal-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna datata s-16 t'Awissu tas-sena 2001 fuq riferita bhala libelluza u malafamanti fil-konfront tan-Nutar Dottor

George Bonello DuPius u li effettivament tesponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi qabel ma tghaddi biex tiddisponi mill-kawza ai termini ta' l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248, u minghajr bl-ebda mod ma tinpingi fuq id-dritt tad-difiza tal-artikolist konvenut, tiehu l-opportunita' tirrileva li meta l-qorti semghet il-"vedeos" lilha pprezentati mill-partijiet fil-presenza ta' l-istess anke koadjuvati mir-rapprezentanti legali taghhom, il-fatti realment akkaduti tant jirrizultaw cari u univoci li kienet sorpriza kif il-konvenut ma uzufruwiex ruhu mill-artikolu 28 (2) ta' l-istess Kap u minflok ghazel li jippersisti bl-azzjoni;

Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi tal-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' LM2000", (liema ammont illum zdiet ghall-hames t'elef Lira Maltin, [LM5,000.00,0]);

Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea l-fatt li fil-kwantifikazzjoni tad-danni nfraskritta qed taghmel referenza ghall-fatt li waqt l-andament tal-procedura odjerna il-konvenut kellu fil-pussess tieghu fatti tali li kienu jippermettulu jirritratta l-allegazzjonijiet tieghu b'irgulija u nonostante din l-opportunita` naqas milli jghamel dan u ippersista;

Rat ghalhekk l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u bil-ghan li tiddefendi l-liberta` ta' l-istampa minn manipulazzjoni qarrieqa biex b'hekk tiskoraggixxi l-pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet mhux fondati li jirrekaw id-dannu riferit fl-istess ligi lill-persuni li jisfaw il-mira ta' xi artikolist, tikkundanna lill-konvenut Alfred Grixti jhallas in linea ta' danni lill-attur nomine l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), bl-ispejjez kontra l-istess konvenut."

Il-konvenut hassu aggravat b'din id-decizjoni u minnha appella b'aggravji f'dawn it-termini:-

1. L-ewwel Qorti ma kellhiex ma ssostniex l-eccezzjoni tieghu tal-verita` tal-fatti in kwantu skond hu l-frazi allegatament libelluza fil-fatt intqalet mill-attur. Huwa jissottometti illi l-kliem wara l-frazi nkriminanti "naharqu kollox li ghandna" huma irrilevanti. Huwa mbaghad dahal fid-differenza etimologika bejn il-kelma "entuzjazmu" u l-kelma "energija" li ntuzat mill-attur fix-xhieda tieghu;
2. Isostni illi l-ewwel Qorti kellha taghraf id-distinzjoni bejn "facts" u "value judgements". Huwa jinsisti illi l-frazi allegatament offensiva fl-artikolu tieghu kellha titqies "value judgement"; opinjoni tal-artikolista bazata fuq fatti li realment graw u diskors li effettivament intqal.
3. Konsegwentement, huwa jissokta jenfasizza illi l-kumment tieghu kien "fair" ghax bazat fuq il-veracita` tal-fatti. Kumment li hu jqisu bhala espressjoni ta' opinjoni protetta bhala dritt fundamentali.

Huwa qabel xejn pacifiku illi f'materja ta' responsabilita` civili taht il-ligi tal-Istampa, r-rikostruzzjoni storika tal-fatti, il-valutazzjoni tal-kontenut taghhom, l-accertament tal-attribuzzjoni offensiva tal-espressjonijiet u frazijiet uzati fl-istampat, il-valutazzjoni tad-dritt tal-kritika, anke harxa u skomda, purke ma titraxxandiex f'attakki personali, jikkostitwixxu accertament ta' fatt u ghalhekk apprezzament u valutazzjoni rizervat lil min hu msejjah biex jiggudika, insindakabbli in sede appell, jekk mhux ghal motivi gravi jew meta jinstab li dan l-istess apprezzament ma huwiex ghal kollox hieles minn vizzji logici. Biex allura l-aggravji interposti jkunu jistghu jigu akkolti l-appellant irid jirnexxielu jikkonvinci lil din il-Qorti ta' revizjoni illi jezistu ragunijiet sodi u serji biex din il-Qorti twarrab fil-genb l-apprezzament hekk maghmul mill-qorti ta' l-ewwel grad u tissostitwieh b'dik taghha.

Din il-Qorti tista' tghid illi fuq il-provi akkwiziti li gew ezaminati minnha bir-reqqa ma ssib xejn kuntrarju fis-sentenza appellata ghall-fehma taghha konsegwita minn ezami tal-istess provi.

Gjaladarba l-istess appellanti jaccetta l-video esebit mill-attur bhala l-presumibbli video kontenenti t-test originali ta' dak li ntqal mill-attur allura kellu logikament isegwi illi l-kliem "naharqu kollox" ma kellhomx jittiehdu izolatament la mill-kliem li pprecedewhom u lanqas minn dawk li segwewhom. Kellu jkun lampantement ovvju li dawn il-kliem fil-kuntest li ntqalu kellhom ness qawwija mal-"entuzjazmu" dimostrat mill-partitarji. Hekk ukoll kellu jkun daqstant iehor car illi l-kliem "li ghandna" bhala esposizzjoni tal-kliem antecedenti ma kellhomx jinqraw dizguntivament minn kull riferenza ghall-"entuzjazmu". Dan ifisser illi biex jaghmel sens il-kliem tat-test kellhom jinqraw unitament flimkien, u mhux jigu spigolati kliem jew frazijiet li jaqbel, inkompleti, jew distakkati minn ohrajn, ghall-ksib ta' xi vantagg, ta' liema xorta jkun, izda b'dannu ghal min ikun qalhom jew tennihom.

Dan biss premess ghandu jibbasta biex jinghad illi l-konvenut appellant ma rnexxielux adegwatament jipprova l-verita` tal-fatti u li konsegwentement ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tal-prova illi eccezzjoni ta' dik ix-xorta kienet timponi fuqu.

Huwa pacifikament ricevut illi d-divulgazzjoni ta' fatti allegatament lezivi tar-reputazzjoni tal-persuna li thossha diffamata tista' titqies ezercizzju lecitu tad-dritt ta' ripurtagg jew espressjoni ta' opinjoni jekk, u apparti l-korrettezza tal-esposizzjoni, tissodisfa l-kondizzjoni tal-verita` oggettiva tal-fatti esposti. Dan, s'intendi dejjem, jekk dawn l-istess fatti jkunu r-rizultat ta' ricerka serja u diligenti.

Ifisser allura illi fejn jigi stabbilit illi l-fatt attribwit kien inkomplet jew addirittura inveritier dan jaghti lok ghal lezjoni tar-reputazzjoni personali. Una volta, imbaghad, tigi provata l-lezjoni, d-dannu jitqies "in re ipsa".

F'kazijiet bhal dan gie ampjament denotat fi skorta ta' sentenzi illi "l-eccezzjoni tal-"fair comment" li ghandha jkollha bhala bazi fatti veri fil-kompletezza taghhom, ma tistghax lanqas biss tigi kontemplata" ("**Il-Pulizija –vs- Dr.**

**Carmelo Caruana**”, Appell Kriminali, 14 ta’ Awissu 1958 (Kollezz. Vol XLII pIV p1470). Ghall-kuntrarju fejn il-fatti jkunu sostanzjalment veri eccezzjoni konsimili hi konsentita (“**Avukat Dr. Lawrence Pullicino v-s- Joseph M. Zahra et noe**”, Appell, 14 ta’ Frar 2000).

Issa hu minnu dak ritenut illi l-kritika timmira biex wiehed iforni gudizzju u l-valutazzjoni personali tieghu. Dan in omagg ghall-manifestazzjoni hielsa tal-hsieb, kostituzzjonalment garantita.

Jibqa’ l-fatt pero` illi biex ma titqiesx vjetata, u anzi tkun accettata jew accettabbli, din l-istess kritika trid tkun bazata fuq fatti li essenzjalment iridu jikkorrispondu ghall-verita`.

Kif elokwentement precizat fid-decizjoni fl-ismijiet “**Lino Debono –vs- Saviour Balzan**”, Appell, 27 ta’ April 2001, id-dritt tal-kritika ma ghandux “jissarraf f’licenzja da parti ta’ min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabilita`, jkun f’posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta’ kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma’ fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f’dan ir-rigward tal-verita` tal-fatti ma setghetx allura tkun incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma tohloq xejn hlief innuendo u dubbju.”

Tradotta ghal kaz de quo din l-osservazzjoni ragjonevolment tfisser illi l-appellanti ma kellux, anke jekk rikonoxxut lilu d-dritt tal-kritika, illi jaddebita lill-appellat kliem li kieku veri kienu jimportaw lill-istess appellat kommissjoni ta’ reat ta’ istigazzjoni ghall-vjolenza.

Kif issokta jigi ritenut “il-gurisprudenza ewropeja ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma veri. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi tezigi biss illi l-fatti jkunu <u>sostanzjalment</u> veri filwaqt li estendiet u ghadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment specjalment fil-konfront ta’ persuni fil-hajja pubblika u fuq materji ta’ interess pubbliku anke lil hinn

sewwa minn dak li kien qabel accettat bhala legittimu" – "**Onorevoli Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja nomine**", Appell, 25 ta' Mejju 2001.

Importanti f'din is-sentenza dak li ssokta jinghad fiha jigifieri, illi l-Qorti "trid biss tafferma l-principju illi l-liberta` tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita` ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika".

Ex abundantia l-Qrati taghna sottolinejaw il-punt illi, f'cirkustanzi konsimili, d-difiza tal-kumment gust tisfuma ghax kif inhu logiku "the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts, however 'bona fide' (**Vol XXXIII pIV p800**; **Vol XLIII pIV p1126**; **Vol XLIV pIV p874**).

Huwa ghalhekk bil-wisq ragunat li f'kazijiet bhal dawn il-ligi gustament tahseb ghat-tutela rizarcitorja, anke ghaliex l-ebda kumment ma jista' jikkwalifika bhala "fair" jekk il-fatti rakkontati li fuqhom l-istess kumment hu fondat ma jikkorrispondux ghall-verita`.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu a kariku tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------